

Jidher li sa issa, minħabba ostakoli interni marbutin ma' proċeduri nazzjonali ta' sejħiet għal offerti, Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha li tfassal mapep strateġiċi tal-ħsejjes għall-agglomerazzjoni u t-toroq magħġuri inkwistjoni, li tirrendi disponibbli u tqassam il-mapep strateġiċi tal-ħsejjes lill-pubbliku, u li tibgħat l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni.

<sup>(1)</sup> Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ġunju 2002, li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni dwar id-Direttiva li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 101).

Konsegwentement, skont il-Kummissjoni, id-dispożittiv tas-sentenza appellata jikser l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 264, moqri flimkien mas-sitt paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE u mal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-annullament totali tar-Regolament sa fejn jirrigwarda lir-rikorrenti huwa sproportionat firrigward tal-uniku motiva ta' annullament li ġie aċċettat mill-Qorti Ġenerali. Din tal-aħħar id-deċidiet *ultra petita* wkoll f'dan ir-rigward.

**Appell ippreżentat fis-26 ta' April 2011 mill-Kummissjoni Ewropea kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tas-17 ta' Frar 2011 fil-Kawża T-122/09, Zhejiang Xinshiji Foods Co. Ltd, Hubei Xinshiji Foods Co. Ltd vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

(Kawża C-195/11 P)

(2011/C 179/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Appellant:** il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Maxian Rusche, H. van Vliet, aġenti)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Zhejiang Xinshiji Foods Co. Ltd, Hubei Xinshiji Foods Co. Ltd, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet tal-appellanti

- tannulla s-sentenza;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata jannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE), Nru 1355/2008<sup>(1)</sup> sa fejn jirrigwarda lil-Zhejiang Xinshiji Foods Co. Ltd u lil Hubei Xinshiji Foods Co. Ltd (iktar 'il-quddiem ir-“rikorrenti”), u abbażi ta' dan jannulla totalment id-dazju antidumping impost, li jfisser dazju antidumping ta' żero fuq l-importazzjonijiet imwettqa mir-rikorrenti.

Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet *ultra petita* meta annullat kompletament id-dazju minkejja l-fatt li r-rikorrenti stess jammettu li l-aġġustament li kien talbu kien iwassal biss għal tnaqqis fid-dazju antidumping impost fuq il-prodotti tagħhom.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1355/2008, tat-18 ta' Diċembru 2008, li jipponi dazju anti-dumping definitiv u jiġor b'mod definitiv id-dazju provvistorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippriżervat (principalement il-mandolin, eċċ.) li jorġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 350, p. 35).

**Appell ippreżentat fis-27 ta' April 2011 minn Formula One Licensing BV kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tas-17 ta' Frar 2011 fil-Kawża T-10/09: Formula One Licensing BV vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni), Global Sports Media Ltd**

(Kawża C-196/11 P)

(2011/C 179/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Appellant:** Formula One Licensing BV (rappreżentanti: K. Sandberg, B. Klingberg, avukati)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni), Global Sports Media Ltd

### Talbiet tal-appellanti

L-appellant titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tilqa' t-talba tal-appellanti għal annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Ottubru 2008 fil-Każ R 7/2008-1 jew, sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex terġa' tikkunsidra l-każ;
- tordna lill-UASI u lill-intervenjent ibatu l-ispejjeż tagħhom stess u dawk tal-appellant, kemm tal-ewwel istanza u tal-appell.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant ssostni l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri l-applikazzjoni b'mod żbaljat tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94<sup>(1)</sup> (li issa sar Nru 207/2009) kif ukoll tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94, abbażi tal-argumenti prinċipali li ġejjin:

<sup>(1)</sup> Il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 fdawn il-punti li ġejjin: